MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Awwissu, 2006

Numru 39/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Nezren Grixti)**

**vs**

**Khayris Abugdidi ta' 28 sena nazzjonalita' Libjana, bin Said u Hesna mwieled gewwa Tripoli fit-8 ta' Mejju, 1978 u residenti gewwa 23, St Mary Street, Hamrun, detentur tal-passaport 958883.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Khayris Abugdidi li gie akkuzat talli fis-17/01/2006 f'dawn il-gzejjer u matul dawn l-ahhar xahar b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda. Art 18 tal-Kap 9.

(a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-resident ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tla-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjoijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu esklussiv tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi u ksur tar-regoli ta' 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li am kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
(c) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(d) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(e) Talli matul l-istess perjodu ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew centru taz-zghazagh jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex bara milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kontro ordni mibghuta mill-Avukat Generali biex din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti ta' kompetenza ta' Gudikatura Kriminali (fol 100).

Rat li precedentement ghal tali kontro ordni l-akkuzat kien ikkonferma l-ammissjoni precedentement minnu registrata (a fol 95).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi nonostante l-ammissjoni ta' l-akkuzat din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti u hija konvinta mill-htija ta' l-istess principalment minn dak li stqarr l-akkuzat innifsu fi stadju ta' investigazzjoni u cioe fl-istqarrija minnu rilaxxata (a fol 7). Illi mir-rapport ta' l-Ispizjar Mario Mifsud jirrizulta wkoll ben car illi s-sustanza misjuba ghand l-akkuat kienet wahda illegali ai termini tal-Kapitlu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (a fol 40).

Ghaldaqstant din il-Qorti qed issib lil Khayris Abgudidi hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dan wara li rat l-artiklu 8 tal-Kapitlu 101, 22 tal-Kapitlu 101, (G. N. 292/1939), 22b(2) Kap 101.

Dwar il-piena kkunsidrat l-ammissjoni ta' l-akkuzat, ikkonsidrat li l-fedina penali tieghu hija ghal kollox netta. Ikkonsidrat ukoll pero' l-fatt li l-istess akkuzat ammetta li hu kien akkwista b'elfejn lira Maltin droga u li kellu l-intenzjoni li jbiegh minnha (apparti n-nofs gramma kuljum li kien izomm ghal konsum tieghu personali). Jghid fil-fatt li barra d-droga misjuba mill-Pulizija nvestigattiva, hu kien gia biegh 96 gramma mid-droga akkwistata u dan ghal prezz ta' Lm 20 jew Lm 25 il-gamma (a fol 8). Dan kien ghamlu ghal perjodu ta' gimghatejn. Jigi rilevat ukoll li nstabu anke oggetti (bhal mizien) ghand l-akkuzat li jipprezupponi bejgh tad-droga.

Ghaldaqstant tqis li ghandu jbati piena karcerarja ta' erba' snin li minnhom ghandhom jitnaqqsu z-zmien ta' arret preventiv u tikkundannah ihallas il-multa ta' elfejn lira Maltin (Lm 2000).

Tordna wkoll il-konfiska tal-mobiles esebiti u cioe Dok NG1, NG2, NG3 u NG4. Tordna wkoll il-konfiska tas-somma ta' tmien mija u sittin lira Maltin (Lm 860).

Tahtar lill-Ispizjar Mario Mifsud biex tigi distrutta d-droga esebita u dak relatat maghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------